TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 481/11/GZ

**Vincent George Delicata**

**vs**

**Mark Debono – 'Digital World'**

Illum 15 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' sittin Ewro (€60.00)) rapprezentanti l-prezz li huwa kellu jhallas ghat-tiswija ta' 'mobile phone' difettuz li huwa kien xtara minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fis-7 ta' Settembru 2010 huwa kien xtara 'smart phone' tad-ditta 'HTC' minghand is-socjeta' ntimata. Fix-xhur ta' wara, l-imsemmi 'mobile phone' kien beda jiffriza, u ghalhekk ir-rikorrent kien ipprova ghamillu 'upgrade' tas-'software' mill-internet. Xi drabi dan kien hadem, pero' l-'mobile phone' kien baqa' jiffriza, u ghalhekk huwa kien hadu lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn il-'mobile phone' kien gie msewwi ghall-prezz ta' hamsa u erbghin Ewro (€45.00). Ir-rikorrent kien ilmenta mas-socjeta' ntimata illi l-'mobile phone' kien ghadu taht garanzija, pero' s-socjeta' ntimata kienet irrifjutat illi taghtih lura l-imsemmi 'mobile phone' sakemm huwa kien hallas dan l-imsemmi ammont.

F'dan l-istadju, is-socjeta' ntimata kienet ukoll informat lir-rikorrent illi huwa ma kellux dritt jaghmel 'download' tas-'software' mill-internet u li dan il-mudell in kwistjoni kellu difett.

Ir-rikorrent kien hallas taht protesta, kien mar id-dar, u wara hames (5) minuti il-'mobile phone' kien rega' beda jiffriza. Dan il-'mobile phone' illum il-gurnata ma jistax jintuza. Ir-rikorrent ma kienx mar lura ghand is-socjeta' ntimata sabiex jitlob li jinghata 'mobile phone' gdid.

Ir-rikorrent ezebixxa dokument li huwa akkwista mill-internet, mahrug mill-'HTC manufacturer' li juri li s-'software' jista' u huwa rrakkomandat illi jigi 'downloaded' u nstallat sabiex jissewwa d-difett li ghandu dan il-'mobile phone'; flimkien ma' kopja ta' l-invoice datata 7 ta' Settembru 2010, mahruga mis-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' hames mija u tletin Ewro (€530.00).

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent kien mar il-hanut fejn qal illi t-tifel tieghu kien installalu s-'software' u b'hekk kien irrovinalu l-'mobile phone', fejn impjegat tas-socjeta' ntimata kien informah illi ghat-tiswija huwa kellu jhallas certu ammont ta' flus. Hawnhekk, ir-rikorrent kien qallu illi l-'mobile phone' kien ghadu taht garanzija, pero' meta l-impjegat tas-socjeta' ntimata kien staqsih sabiex jipprovdih b'tali garanzija, huwa dejjem naqas milli jaghmel hekk. Kien ghalhekk illi r-rikorrent gie mitlub ihallas l-ammont ta' hamsa u erbghin Ewro (€45.00).

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' garanzija hekk kif tinhareg minnha stess, fejn hija ndikat zewg punti specifici fejn tali dannu ma jkunx kopert bil-garanzija, u cioe': *"Repair or attempted repair by anyone else. Any damage of the product due to shipment."* u *"Removal, installation and set-up service charges by any third party."*; flimkien ma' kopja tat-termini ta' uzanza hekk mahruga mill-HTC.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tieghu bil-miktub, u zied jghid illi l-ammont fit-talba tieghu huwa bbazat fuq l-ammont ta' hamsa u erbghin Ewro (€45.00) li huwa hallas lis-socjeta' ntimata ghat-tiswija, kif ukoll fuq l-ammont ta' hmistax-il Ewro (€15.00) li huwa kellu jhallas sabiex il-'mobile phone' in kwistjoni jintbghat barra minn Malta ghat-tiswija.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumenti li huwa akkwista minn fuq l-internet rigwardanti l-problema ta' l-iffrizar li tali mudell ta' 'mobile phone' ghandu, li gew immarkati bhala Dok.VGD1 u Dok.VGD2; *flimkien ma' kopja tal-korrispondenza tieghu ma' l-HTC, li giet immarkata bhala* Dok.VG2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi s-socjeta' ntimata lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti jekk il-garanzija li kienet inghatat fuq il-'mobile phone' kienet ghadha fis-sehh. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**